**Ġużeppi Calì (1846–1930)**

# L-AĦJAR XOGĦLIJIET TIEGĦU FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

**MINN TONY TERRIBILE**



Din is-sena qegħda tfakkar il-mija u ħamsin sena mit-twelid tal-pittur Malti Ġużeppi Calì li twieled il-Belt Valletta fl-14 ta' Awissu 1846.

Calì ta sehem kbir lil arti Maltija lejn tmiem is-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu tagħna, kemm hu hekk nistgħu ngħidu li ftit huma dawk il-knejjes Maltin li fihom ma niltaqgħux ma' xogħlijiet ta' dan il-pittur.

B'xorti tajba fil-Knisja Parrokkjali tagħna insibu ftit xogħlijiet ta' dan il-pittur. Fl-imgħoddi kien hemm ukoll il-kwadru ta' San Ġużepp li dan kien inqered fl-aħħar gwerra dinjija iżda fil-Parroċċa tagħna jeżisti kwadru ieħor li jqarreb ħafna lil dan il-pittur. Dan huwa l-kwadru ta' San Pawl li jinsab fuq in-niċċa ta' San Franġisk. Għalkemm ma fih ebda firma tin-ħass fih l-id tal-Calì, iżda dwar ix-xogħlijiet l-oħra ta' Calì ninsabu ċerti li huma xogħol tiegħu.

Liema huma x-xogħlijiet ta' Calì li llum insibu fil-Parroċċa tagħna? Dawn huma l-kwadri ta' San Lawrenz, San Ġirolmu, San Pietru u San Pawl, San Vinċenz Ferreri, il-Madonna tal-Karmnu u l-Apside. Fost dawn jispikkaw l-ewwel tlieta. Dawn huma meqjusa fost l-aħjar xogħlijiet ta' Calì u għalhekk il-Parroċċa tagħna għandha għax tkun kburija bihom, għax huma parti mill-Wirt artistiku ta' dawn il-gżejjer.

### Il-kwadru ta' San Ġirolmu

Dan il-kwadru sar bi spejjeż il-Konti Ġirolmu Taglaferro u fl-1881. Kien kwadru li mill-ewwel ġibed l-attenzjoni, kemm hu hekk ftit wara li sar dehru bosta kummenti dwaru fil-ġurnali ta' dawk iż-żminijiet. Fil-ġurnal *Malta e sue Dipendenze* (nru. 5729) insibu dan il-kumment: "Dan hu wieħed mix-xogħlijiet li rnexxew u hu tassew sabiħ".

Fl-1946 Malta fakkret għeluq il-mitt sena mit-twelid ta' Calì u barra li saret wirja, il-pittur Rafel Bonnici Calì stampa wkoll katalgu li fih wera kif il-ħidma artistika ta' Calì hi maqsuma fi tlett partijiet u Bonnici Calì jgħid hekk dwar dan il-kwadru: "The well known St. Jerome of the Sacred Heart church in Sliema, which was highly praised by Chev. F. Jacovacci, President of the Associazone Artistica, may be considered as the best altar piece of the first period".



*San Ġirolmu – il-kapulavur ta' Calì*

Fl-1953 hareġ wieħed mill-ewlenin kotba dwar l-arti Maltija. L-awtur Dr. E. Sammut meta kiteb dwar Calì qal hekk: "One of the first altar pieces was the painting of St. Jerome (1881) in the church of the Sacred Heart Sliema is still generally considered his master-piece".

Dan il-kwadru ġibed ukoll l-attenzjoni ta' l-awtur tal-ktieb "Iconography of Maltese Islands (1987) Mario Buhagiar li kiteb hekk dwar dan il-kwadru: "The St. Jerome, painted in 1881, is a thickly impasted work which like Dragut, shows the influence of the French Romantic Movement. The mat, on which the parched old penitent sits, is painted with such an initrate response to the rough, straw texture that it seems to be on the point of taking life. Usually considered Calì masterpieces, this canvas is painted with a vigour and sureness of touch that makes it outstanding".

Fl-1990 fl-okkażjoni tal-miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta, fil-Kurja Arċiveskovili saret wirja dwar l-arti Maltija tas-seklu għoxrin u l-kwadru ta' San Ġirolamu kien hemm u ġibed l-attenzjoni ta' bosta ammiraturi tal-pittura. Fil-katalgu ta' din il-wirja insibu din id-deskrizzjoni" "Rich is painterly qualities, the canvas betrays the influence of the neapolitan Master Domenico Morelli who dominated Neapolitan painting at the time of Calì's sojourn in Italy".



*San Lawrenz (1881)*

Is-sena 1991 rat il-ħruġ ta' żewġ kotba sbieħ dwar Ġużeppi Calì. Fl-ewwel ktieb Louis Grasso u Emmanuel Fiorentino wara li jagħtu deskrizzjoni ta'dan il-kwadru u jfakkru kif Francesco Jacovaci kien faħħar dan ix-xogħol, kitbu: "The monochromatic patine of the setting, cluttered with odd bits, sets out the whole into an unsurpassable rendering of the different materials woven together in diffused physical lighting thus bringing into relief the spiritual relief illumination which the hermit sought in Christ own birthplace. One writer even judged the canvas as something to be seen but not described".

Fil-ktieb l-ieħor, Dominic Cutajar li huwa l-kuratur tal-Mużew ta' l-Arti, kiteb kif f'dan il-kwadru, Calì reġa' uża t-teknika u l-influwenza tal-pittur Teofilo Patini, li bħalu kien studja ma' Mancinelli f'Napli.

### Il-kwadru ta' San Lawrenz

Dan il-kwadru kbir u sabiħ li jinsab fil-kappellun tal-lemin jirrappreżenta lil dan il-qaddis liebes id-dalmatika, qabel il-martirju tiegħu. Calì pitter dan il-kwadru fl-1881 u tħallas minn Lorenzo Vassallo li kien devot kbir ta' dan il-qaddis.

Fl-1960, fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji Pawlini fl-Istitut Kattoliku l-Furjana kienet saret wirja dwar l-Arti Sagra f'Malta u l-kwadru ta' San Lawrenz kien wieħed minn dawn il-kwadri. Fil-katalgu ta' din il-wirja, il-kritiku ta' l-arti Ċensu Bonello kiteb hekk dwar dan il-kwadru: "A painting of unusual cool Tiepolesque feeling, planned with simplicity and delicate sense of colour, from a painter who usually had little restrain when colouring his numerous compositions".

### Il-kwadru ta' San Pietru u San Pawl

Dan hu kwadru ieħor li tpitter minn Calì fl-1881 u fih naraw lil dawn iż-żewġ qaddisin fi djalogu bejniethom. Dan il-kwadru ġibed ukoll l-attenzjoni ta' l-awtur tal-ktieb *Iconography of the Maltese Islands* għaliex kiteb dwaru: "It is a contemporary work in which the pigment is applied in equally thick layers probably with a palette knife. The two saints stand out almost as a sculptural relief against a black wall that contains only a niche for an oil lamp, the old St Peter, who sits down on a step to rest his arching limbs is especially memorable as a study for an old age".

Dan il-kwadru wkoll fl-1990 kien esebit fil-wirja li saret fil-Kurja Arċiveskovili. Il-kumment dwar dan il-kwadru fil-katalgu ta' din il-wirja kien jgħid hekk: "The comosition is academic in conception and shorn of all unnecessary details. A small niche containing a jar and a protuidin stone with a chain complement the soberly rendered figures".

Il-kummenti magħmula minn esperti tal-pittura huma l-isbaħ ċertifikat fuq dawn it-tlett kwadri. Għalhekk huwa d-dmir tagħna lkoll napprezzawhom aktar u nkunu kburin bihom u fuq kollox min hu responsabbli tagħhom għandu jara li dawn ikunu mħarsa tajba biex ma jiġrilhomx ħsara għax huma l-isbaħ wirt tan-nies li għamluhom biex isebbħu l-Knisja tagħna.



*San Pietru u San Pawl (1881)*